

## V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA  
TAL-KOMPETIZZJONI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9501 — I Squared Capital Advisors/PEMA)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 320/03)

1. Fit-13 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup>.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- I Squared Capital Advisors, LLC ("I Squared", l-Istati Uniti tal-Amerka),
- PEMA GmbH u s-sussidjarji tagħha ("PEMA", il-Ġermanja), li bħalissa huma proprjetà ta' Société Générale S.A (Franza).

I Squared takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani ta' PEMA kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal I Squared: maniġer tal-investment tal-infrastruttura globali indipendenti li jiffoka fuq l-enerġija, l-utilitajiet, it-telekomunikazzjoni u t-trasport fl-Amerki, fl-Ewropa u fl-Asja. Permezz ta' TIP Trailer Services, I Squared hija attiva fil-lokazzjoni operatorja ta' trejlers tqal u fil-provvista ta' servizzi integrati fl-Ewropa u fil-Kanada.
- għal PEMA: fornitur ta' lokazzjoni operatorja ta' trakkijiet u trejlers tqal fl-Ewropa.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9501 — I Squared Capital Advisors/PEMA

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (fir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: [COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu](mailto:COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu)

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---